Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri - Ghawdex)

Imhallef Anthony Ellul

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2016.

Appell Numru: 3/2016

**GO plc (C22334)** **(appellata)**

**Vs**

**Juliann Buttigieg (ID 60901L)** **(appellanti)**

L-attrici harrket lill-konvenuta quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghall-hlas ta' €1,323.19 ghal servizz li tatha taht *Bundle Service Agreement Home Pack 42*.

Il-konvenuta wiegbet :

i. L-ammont dovut hu €196.87;
ii. Il-konvenuta offriet li thallas dik is-somma, izda l-offerta giet rifjutata;
iii. Il-kuntratt gie mgedded minghajr kunsens tal-konvenuta ;

B'sentenza tat-28 ta' April, 2016 it-Tribunal cahad l-eccezzjonijiet u laqa' t-talba tal-attrici u kkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' €1,323.19 wara li osserva:

*"Mill-provi jirrizulta illi l-konvenuta kellha mill-kumpanija attrici, servizz hekk imsejjah Bundle Service Agreement Home Pack 42 li jikkonsisti f'servizz ta' Gold Plus TV, telefon Talk anytime, internet u uzu gratuwit ghal mitt minuta bejn erba' telefons cellulari. Kien hemm kuntratt ghal sentejn u l-konvenuta ma xtaqitx iggedded l-abbonament stante li kienet imsiefra.*

*Ghal dan kien hemm procedura x'tigi segwita. Wiehed ried jirritorna l-apparat tal-kumpanija attrici jiffirma formula u jhallas il-kontijiet pendenti. Dan gie spjegat kollu f'email spedita lill-konvenuta fuq talba taghha stess esbita a fol 28 tal-process. Fuq kollox riedet timtela prokura fuq xi hadd residenti lokalment u li skont l-email l-konvenuta giet provduta kopja taghha ma' l-istess email.*

*Jidher illi meta l-konvenuta baghtet lil bintha biex taqta' s-servizz, minkejja li din hadet l-apparat maghha, din la kienet disposta thallas il-kont, stante illi talbet li dan jithallas mar-ritorn ta' ommha mis-safar f'data mhix stabbilita, la mliet l-formula (fil-file ma tirrizulta l-ebda formola) u wisq anqas jirrizulta li kellha l-prokura rikjesta. Kienu ghalhekk korretti l-impjegati tal-kumpanija li jirrifjutaw it-terminazzjoni tas-servizz gialadarba r-rekwiziti ghal dan ma kinux sodisfatti.*

*Min-naha l-ohra min dak li xehed Emanuel Cini jirrizulta illi s-servizz baqa' jigi wzat anke wara dik id-data u kien inqata' biss minhabba nuqqas ta' hlasijiet. Sabiex jghin fil-minimizzazzjoni ta' l-ispejjez fil-mori ta' din il-kawza dan it-Tribunal stieden lill-konvenuta sabiex tirritorna l-apparat tal-kumpanija attrici u hekk il-kont jonqos bicca sew. Il-konvenuta ntrabtet li taghmel dan. Izda jidher illi effettivament il-konvenuta ma tat kaz ta' xejn u ma ghamlet xejn min dan. Dan ma tantx jirrifletti tajjeb fuq il-konvenuta.*

*Il-kontijiet kif mahruga mill-kumpanija attrici huma kkonfermati; u dan it-Tribunal ma jsib xejn x'jiccensura fihom. L-anqas ma saret xi prova ghall-eccezzjoni tal-konveunti illi l-ammont dovut huwa wiehed anqas.*

*Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' elf, tliet mija u tlieta u ghoxrin Ewro u dsatax il-centezmu (€1323.19). Bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz 'il quddiem. Bl-ispejjez kollha kontra tal-konvenuta."*

Il-konvenuta appellat mis-sentenza. L-aggravji huma:

i. Inghatat is-sentenza minghajr ma qabel it-Tribunal sema' t-trattazzjoni.
ii. Qabel skada l-kuntratt, l-appellanti kienet infurmat lit-Tribunal li ma kellhiex hsieb li ggedded il-kuntratt. Il-konvenuta ma kellhiex xi obbligu li ssegwi xi procedura specjali biex ma ggeddidx il-kuntratt. Ma kellha l-ebda dritt timponi obbligi fuq il-konvenuta u li jekk ma jigux segwiti jwasslu ghat-tigdid tal-kuntratt.
iii. Meta parti tinforma lill-parti ohra li ma tridx tkompli ggedded l-obbligazzjoni, il-parti l-ohra m'ghandhiex jedd li tivvinta xi skuza biex iggedded il-kuntratt.
iv. Il-fatt li ma jithallasx il-kont pendenti m'ghandux iwassal ghal tigdid tal-kuntratt. L-istess fir-rigward ta' mili ta' formoli.
v. Ghal dak li jikkoncerna l-prokura li nghatat bint il-konvenuta, din ma kellhiex ghalfejn tkun bil-miktub.

L-attrici wiegbet fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud:

i. Procedura kontemplata fl-Artikolu 9(2)(a) tal-Kap. 380 ma gietx segwita.
ii. M'hemmx dritt ta' appell ghaliex ma jezistux ic-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 8(2)(d) tal-Kap. 380.
iii. Fil-meritu l-appell hu nfondat.

Il-qorti semghet it-trattazzjoni u qrat l-atti.

**<u>Fatti.</u>**

1. Fis-26 ta' Marzu 2010 il-konvenuta ffirmat kuntratt mal-attrici sabiex tinghata *Bundle Service Agreement Home Pack 42* ghall-perjodu ta' sentejn. Dan is-servizz jinkludi fih stazzjonijiet tat-televixin, linja tal-mobile, internet u telefon (ara paragrafu 2 tat-*terms & conditions*, fol. 5).

2. Il-kuntratt kien jorbot sal-ahhar ta' Marzu 2012. Wara dakinhar il-konvenuta ma kellhiex obbligu li ggedded il-kuntratt.
3. L-ahhar pagament li ghamlet il-konvenuta kien fid-19 ta' Novembru 2011.
4. Jirrizulta li l-konvenuta kienet baghtet email li trid twaqqaf is-servizz. Fil-fatt mid-dokument a fol. 28 jirrizulta li l-konvenuta nfurmat lill-attrici li ma riditx iggedded il-kuntratt[1]. It-twegiba tal-attrici kienet li biex twaqqaf is-servizz, kellha tmur go fergha tal-attrici u tirritorna l-*equipment* li pprovdiet il-kumpanija.
5. Fl-20 ta' Awissu 2013 l-attrici waqfet is-servizz.
6. Waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu 2016, il-konvenuta ntrabtet li tirritorna l-apparat lill-attrici li min-naha taghha kkonfermat li ser taccettah. Pero' waqt is-seduta tat-12 ta' April 2016, id-difensur tal-attrici ddikjarat li sa dakinhar l-apparat kien ghadu ma giex ritornat.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

1. Fl-ewwel eccezzjoni, l-attrici ssostni li ladarba l-konvenuta ma segwitx il-procedura kontemplata fl-Artikolu 9(2) tal-Kap. 380, allura l-appell hu null. Din id-disposizzjoni tipprovdi li meta parti tixtieq tappella minn decizjoni, *"…ghandu jinghata avviz dwar dan lill-gudikatur meta tinghata d-decizjoni."* Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li tali avviz inghata. Madankollu fil-fehma tal-qorti n-nuqqas tal-ghoti tal-avviz ma jwassalx ghan-nullita' tal-appell, in kwantu:-

    I. Ma jezisti l-ebda provvediment li jipprovdi li fejn l-avviz ma jinghatax, allura l-appell hu null.

    II. Tali avviz ghandu jinghata lit-Tribunal sabiex b'hekk jigi zgurat li d-decizjoni jkun fiha r-ragunijiet ghad-decizjoni. L-Artikolu 9(1) jipprovdi ghall-ghoti ta' decizjoni *ex tempore* (ara t-test Ingliz), cjoe' dak il-hin stess li tinstema' l-kawza. B'hekk is-sentenza tinghata b'mod sommarju. Pero' mbaghad fejn it-Tribunal jinghata avviz li ser isir appell, irid jibghat lir-Registratur kopja tad-decizjoni li tkun bil-miktub u li *"…tkun fiha r-ragunijiet ghad-decizjoni."* Din hi r-raguni ghalfejn parti li tkun trid tappella trid taghti avviz ta' dan lit-Tribunal. Ghalhekk din id-disposizzjoni m'ghandha x'taqsam xejn mal-ammissibilita' tal-appell.

2. Il-konvenuta lmentat li t-Tribunal ma tax l-opportunita' sabiex issir trattazzjoni. Mill-atti jirrizulta li:

[1] *"I do not wish my contract to re-new on 25th March. I am out of the country look for work, and therefore am not able at present to settle my outstanding account. I will settle the account as soon as I am able to do so."*

(a) Fl-1 ta' April, 2016 xehdet Charlotte Daniels u l-kawza thalliet ghall-kumplament tal-provi tal-partijiet ghas-seduta tat-12 ta' April 2016.
(b) Fit-12 ta' April 2016, il-konvenuta u d-difensur taghha ma dehrux. It-Tribunal iddiferixxa l-kawza ghas-sentenza ghas-seduta tat-28 ta' April 2016.
(c) Fit-28 ta' April 2016 inghatat is-sentenza. Ghal darb'ohra la l-konvenuta u lanqas id-difensur taghha m'attendew ghas-seduta.

Ma jirrizultax li fil-mori tal-ahhar differiment il-konvenuta pprezentat rikors u talbet lit-Tribunal sabiex ma jatix is-sentenza. Il-proceduri quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar min-natura taghhom huma ntizi li jkunu proceduri sommarji. Il-konvenuta ssostni, *"Li kieku t-Tribunal kellu ftit tal-pacenzja li jisma' s-sottomissjonijiet tal-esponenti kieku zgur ma kienx jiddeciedi skont ma ddecieda u jaghmel travestija legali."*[2] It-Tribunal m'ghandu l-ebda obbligu li jissaporti lill-partijiet li jidhru ghas-seduti meta jfetlilhom. Ladarba l-konvenuta u d-difensur taghha m'attendewx ghas-seduta tat-12 ta' April 2016, it-Tribunal kellu kull jedd jiddiferixxi l-kawza ghas-sentenza, iktar u iktar meta ma nghatat l-ebda raguni li tista' tiggustifika l-assenza taghhom. Dak li gara kien minhabba 'l fatt li l-konvenuta u d-difensur taghha m'attendewx ghas-seduta tat-12 ta' April 2016. Il-konvenuta ma tistax tilmenta min-nuqqas taghha stess. Ghalhekk l-ewwel aggravju hu michud.

3. Il-konvenuta nfurmat lill-attrici li ma kinitx ser iggedded il-kuntratt. S'hawnhekk il-qorti ttendi li taqbel mat-tezi tal-konvenuta. Ladarba l-konvenuta tat avviz lill-attrici li ma kinitx ser iggedded il-kuntratt, mal-gheluq tas-sentejn kellha minnufih tissospendi s-servizz. Proceduri nterni tas-socjeta' attrici m'hijiex xi haga li jikkoncernaw lill-konsumatur. Fit-twegiba li l-attrici tat ghall-avviz li tat il-konvenuta, jinghad:

*"Thanks for sending us an email regarding our services.*

*As regarding your query, unfortunately to stop the service and not renew the home pack, one must attend in an outlet together with the equipment provided by our company. Nevertheless, attached with this email, is also a Go power of attorney letter that can be filled in and provided to someone else, together with a photocopy of the ID card or passport. A final bill will be issued and the renewal will not be processed."*

Fil-kuntratt m'hemmx klawzola li tipprovdi li:-

i. Mal-gheluq tas-sentejn, il-kuntratt jigi mgedded;
ii. Il-klijent irid isegwi xi procedura partikolari ghat-terminazzjoni tal-kuntratt.

[2] Paragrafu 1 ta' dik il-parti tar-rikors tal-appell fejn il-konvenuta qalet x'inhuma l-aggravji.

Ghalhekk fil-fehma tal-qorti ladarba l-attrici giet infurmata mill-konvenuta li ma kinitx ser iggedded il-kuntratt, kif ghaddew is-sentejn il-kuntratt gie terminat. L-attrici ma kellha l-ebda jedd tintroduci kundizzjonijiet li dwarhom ma jirrizultax li kien hemm ftehim. F'dan ir-rigward il-qorti qeghda tirreferi ghall-procedura li ssegwi l-attrici u li t-Tribunal rrefera ghaliha fit-tieni faccata tas-sentenza.

4. Jirrizulta li fid-data tat-terminazzjoni tal-kuntratt il-konvenuta kellha arretrati ta' **€196.37** (ara kont a fol. 30). Inoltre, bint il-konvenuta marret l-ufficcju tal-attrici sabiex tirritorna l-apparat. Madankollu dan ma giex accettat peress li riedu li l-ewwel il-konvenuta thallas l-arretrati u li fin-nuqqas jiggedded il-kuntratt (fol. 52). Hawn ukoll il-qorti ma taqbel xejn mal-atteggjament tal-attrici li ma kellhiex jedd tiddetta r-regoli tal-mod kif jigi tterminat kuntratt. Jekk il-kuntratt kien ghall-perjodu definit ta' sentejn, kif ghaddew is-sentejn il-kuntratt gie fit-tmiem. Dan iktar u iktar meta tqis li l-konvenuta tat avviz bil-miktub li ma kinitx ser iggedded il-kuntratt.

5. Pero' hemm prova li wara li skadew is-sentejn, zgur li kien qieghed isir uzu mit-telefon (numru 21565805 installat fil-fond 35, Triq Dun Pawl Micallef, Victoria) li kien parti mill-*Bundle Service Agreement Pack*. Uzu li sar fil-perjodu bejn April, 2012 u Novembru 2012 (ara kontijiet a fol. 31 sa fol. 47). Ghalkemm it-telefonati li saru kull xahar kienu ftit, pero' jibqa' l-fatt li baqa' jintuza s-servizz. Ladarba rrizulta li f'dan il-perjodu kien ghadu qieghed isir uzu mis-servizz li l-attrici halliet ghad-disposizzjoni tal-konvenuta, allura trid thallas il-kontijiet ta' dak il-perjodu.

6. Ghal dak li jikkoncerna l-perjodu minn Dicembru 2012 sa Awissu 2013, ix-xahar li fih Emanuel Cini qal li nqata' s-servizz, m'hemm l-ebda prova li l-konvenuta kienet qeghdha taghmel uzu mis-servizzi tal-attrici. Ghalhekk ghal dan il-perjodu m'ghandha l-ebda obbligu li thallas. Gialadarba ma saritx prova li ma baqghetx taghmel uzu mis-servizz, ma jistax isir l-argument li hadet xi beneficcju mill-fatt li l-attrici halliet is-servizz miftuh.

7. Ghalhekk fir-realta' l-hlas li hu dovut mill-konvenuta hu:

   i. Arretrati ta' qabel skada l-kuntratt ta' sentejn - €196.37;
   ii. Perjodu Marzu 2012 sa Novembru 2012 - €411.04,6;
   iii. Valur tal-apparat li baqa' ghand il-konvenuta - €258.56[3];

   Total – **Tmien mija u hamsa u sittin ewro u tmienja u disghin centezmu (€865.98)**.

[3] Ovvjament dan il-hlas ikun dovut diment li l-konvenuta ma tirritornax lura l-apparat.

8. It-talba hi ghall-hlas ta' €1,323.19. Wara l-emendi li saru fil-bidu ta' din is-sena, fejn it-talba tkun ghas-somma ta' €1,500, appell jista' jsir biss fil-kazijiet kontemplati fl-Artikolu 8(2) tal-Kap. 380. L-appell kien prezentat fil-5 ta' Mejju, 2016 u ghalhekk tapplika d-disposizzjoni kif emendata. Skont paragrafu (d) jista' jsir appell:

*"meta t-Tribunal b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalita' u* ***tal-ekwita' skont il-ligi*** *u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella."*

It-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghandu jiddeciedi kawza quddiemu principalment skont l-ekwita, **li trid issegwi l-ligi**[4]. F'dan il-kaz il-kuntratt hu dak li jorbot lill-partijiet. Ladarba l-procedura li tissemma' fis-sentenza tat-Tribunal ma kinitx tifforma parti mill-kuntratt li ffirmat il-konvenuta, allura t-Tribunal zbalja meta bbaza d-decizjoni fuq procedura li ma kinitx torbot lill-konvenuta. Ghalhekk l-appell hu ammissibbli.

**Ghal dawn il-motivi tvarja s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tat-28 ta' April, 2016 billi tilqa' t-talba tal-attrici limitatament ghas-somma ta' tmien mija u hamsa u sittin ewro u tmienja u disghajn centezmu (€865.98)[5] u tikkundanna lill-konvenuta thallas din is-somma lill-attrici. Bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba (26 ta' Jannar, 2016), b'dan li fuq is-somma ta' €258.56 l-imghax jiddekorri mill-1 ta' Frar, 2017 fl-eventwalita' li l-konvenuta ma tirritornax lura l-apparat sal-ahhar ta' Jannar, 2017.**

**Spejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet gialadarba kull parti kienet rebbieha u telliefa dwar aspetti differenti.**

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

---

[4] *Equity according to law* (test bl-Ingliz f'paragrafu (d) tal-Artikolu 8(2) tal-Kap. 380).

[5] Bil-kundizzjoni li jekk il-konvenuta tirritorna lura l-apparat lill-attrici sal-ahhar ta' Jannar, 2017, is-somma ta' €258.56 ma tkunx dovuta.